



Dokument ta' sessjoni

B9-0123/2022

28.2.2022

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna
(2022/2564(RSP))

Manfred Weber, Michael Gahler, Rasa Juknevičienė, Andrius Kubilius, David McAllister, Željana Zovko, Antonio Tajani, Jerzy Buzek, Traian Băsescu, Sandra Kalniete, Esteban González Pons, Paulo Rangel, Andrzej Halicki, Isabel Wiseler-Lima, Radosław Sikorski, Andrey Kovatchev, David Lega, Vladimír Bilčík, Arba Kokalari, Miriam Lexmann, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, Gheorghe-Vlad Nistor, Lukas Mandl, Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Vangelis Meimarakis, Siegfried Mureşan, Sunčana Glavak, Alexander Alexandrov Yordanov, Tom Vandenkendelaere, Javier Zarzalejos, Álvaro Amaro, Isabel Benjumea, Ioan-Rareş Bogdan, Daniel Buda, Cristian-Silviu Buşoi, Pilar del Castillo Vera, Rosa Estaràs Ferragut, Gheorghe Falcă, José Manuel Fernandes, Maria da Graça Carvalho, Jarosław Duda, Frances Fitzgerald, Tomasz Frankowski, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Seán Kelly, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Liudas Mažylis, Cláudia Monteiro de Aguiar, Dolors Montserrat, Peter Pollák, Sven Simon, Sara Skyttedal, Ivan Štefanec, Tomas Tobé, Eugen Tomac, Romana Tomc, Lídia Pereira, Pernille Weiss, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Milan Zver,

Loránt Vincze, Michaela Šojdrová, José Manuel García-Margallo y Marfil, Janina Ochojska, Ewa Kopacz, Luděk Niedermayer, Stanislav Polčák, Pablo Arias Echeverría

f'isem il-Grupp PPE

Iratxe García Pérez, Pedro Marques, Marek Belka, Tonino Picula, Sven Mikser, Włodzimierz Cimoszewicz

f'isem il-Grupp S&D

Stéphane Séjourné, Petras Auštrevičius, Nathalie Loiseau, Luis Garicano

f'isem il-Grupp Renew

Ska Keller, Philippe Lamberts, Sergey Lagodinsky

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Ryszard Antoni Legutko, Raffaele Fitto, Anna Fotyga, Witold Jan

Waszczykowski, Ryszard Czarnecki, Anna Zalewska, Veronika

Vrecionová, Valdemar Tomaševski, Bogdan Rzońca, Alexandr Vondra,

Angel Dzhambazki, Zbigniew Kuźmiuk, Charlie Weimers, Adam Bielan,

Roberts Zīle, Dace Melbārde, Elżbieta Rafalska, Assita Kanko, Nicola

Procaccini, Carlo Fidanza, Tomasz Piotr Poręba, Jadwiga Wiśniewska,

Eugen Jurzyca, Zdzisław Krasnodębski, Cristian Terheş

f'isem il-Grupp ECR

Manon Aubry

f'isem il-Grupp The Left

B9-0123/2022

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (2022/2564(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja u l-Ukrajna, u b'mod partikolari dik tas-16 ta' Diċembru 2021 dwar is-sitwazzjoni fil-fruntiera Ukrena u fit-territorji okkupati mir-Russja tal-Ukrajna¹,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet dwar l-Ukrajna tal-mexxejja tal-Parlament Ewropew tas-16 u l-24 ta' Frar 2022,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli f'isem l-UE tal-24 ta' Frar 2022 dwar l-invażjoni tal-Ukrajna mill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-President tal-Kunsill Ewropew u tal-President tal-Kummissjoni tal-24 ta' Frar 2022 dwar l-aggressjoni militari bla preċedent u mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet reċenti tal-President tal-Ukrajna u tal-President tal-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-G7 tal-24 ta' Frar 2022,
 - wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Budapest tal-1994 dwar Garanziji ta' Sigurtà,
 - wara li kkunsidra l-Prinċipji ta' Nuremberg imfassla mill-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti, li jiddeterminaw x'jikkostitwixxi delitt tal-gwerra,
 - wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali tas-17 ta' Lulju 1998,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 ta' Frar 2022,
 - wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,
 - wara li kkunsidra l-Att Finali ta' Helsinki tal-1 ta' Awwissu 1975 u d-dokumenti sussegwenti,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, f'konformità mal-Karta tan-NU u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali, l-Istati kollha jgawdu minn sovranità ugwali u għandhom iżommu lura fir-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom milli jirrikorru għat-theddid jew għall-użu tal-forza kontra l-

¹ Testi adottati, P9_TA(2021)0515.

integrità territorjali jew l-indipendenza politika ta' kwalunkwe Stat;

- B. billi l-Federazzjoni Russa bdiet invażjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022;
 - C. billi l-aggressjoni militari kontra l-Ukraina bdiet parzjalment mit-territorju tal-Belarussja, li għenet u ppermettiet l-aggressjoni Russa; billi l-president illeġittimu tal-Belarussja għadu kif organizza referendum fażull sabiex jemenda l-kostituzzjoni u jdgħajjef in-newtralità tal-Belarussja; billi l-preżenza ta' armi nukleari Russi fit-territorju Belarussu tkun theddida għas-sigurtà tal-Ewropa;
 - D. billi fil-21 ta' Frar 2022, il-Federazzjoni Russa rrikonoxxiet unilateralment l-indipendenza tat-territorji kkontrollati mill-forzi separatisti appoġġjati mir-Russja f'partijiet mir-reġjuni ta' Donetsk u Luhansk tal-Ukrajna, fatt li effettivament xekkel il-Ftehimiet ta' Minsk; billi l-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa jikkostitwixxu aggressjoni militari premeditata bi ksur sfaċċat tad-dritt internazzjonali, tal-Karta tan-NU u tal-prinċipji minquxa fl-Att Finali ta' Helsinki tal-1975, u jikkompromettu serjament is-sigurtà u l-istabbiltà Ewropej u globali;
 - E. billi l-Federazzjoni Russa deliberatament żgwidat u xekklet l-isforzi diplomatiċi biex tinstab soluzzjoni għall-kriżi attwali, li ħolqot hija stess, sabiex tikseb iż-żmien u l-vantaġġ tattiku meħtieġa biex tħejji aggressjoni militari fuq skala kbira kontra l-Ukrajna u l-invażjoni tagħha;
 - F. billi l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta sensiela inizjali ta' sanzjonijiet kontra r-Russja, inklużi sanzjonijiet individwali mmirati, sanzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji u restrizzjonijiet kummerċjali, u qed ikompli jħejji aktar sanzjonijiet f'koordinazzjoni mill-qrib mal-alleati transatlantiċi u ma' sħab internazzjonali oħra tal-istess fehma;
 - G. billi fis-27 ta' Frar 2022, il-President tal-Kummissjoni għamlet dikjarazzjoni dwar l-istat attwali u futur tar-relazzjonijiet mal-Ukrajna, li fiha qalet: "[...] jagħmlu parti minna. Huma wieħed minna u rriduhom jissieħbu magħna"; billi għadd dejjem jikber ta' ċivili Ukreni qed jitilfu ħajjithom fil-gwerra li nbdiat mill-Kremlin kontra l-popolazzjoni tal-Ukrajna; billi mijiet sfaw midruba u mijiet ta' eluf telqu minn djarhom jew ħarbu lejn pajjiżi ġirien; billi kien hemm rapporti ta' bosta każijiet ta' ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali mwettqa mit-truppi Russi, inklużi bumbardamenti indiskriminati ta' żoni residenzjali, sptarijiet u kindergartens, is-sakkeġġ ta' proprjetà pubblika u privata, u l-qerda apposta ta' infrastruttura ċivili; billi aktar minn 14 000 ruħ, kemm persunal militari kif ukoll ċivili, tilfu ħajjithom fi tmien snin ta' kunflitt instigat mill-Federazzjoni Russa fil-Lvant tal-Ukrajna, filwaqt li l-għajxien tal-popolazzjoni tat-territorji kkontrollati u annessi mir-Russja fl-Ukrajna u fir-reġjuni tal-madwar għadu affettwat b'mod serju;
1. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-aggressjoni militari illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-invażjoni tagħha, kif ukoll l-involvement tal-Belarussja f'din l-aggressjoni;
 2. Jitlob b'insistenza li l-Federazzjoni Russa ttemm minnufih l-attivitajiet militari kollha fl-Ukrajna, tirtira mingħajr kundizzjonijiet il-forzi militari u paramilitari kollha u t-tagħmir militari kollu mit-territorju rikonoxxut internazzjonalment kollu tal-Ukrajna, u

tirrispetta bis-sħiġ l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna fi
ħdan il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha;

3. Jissottolinja li l-aggressjoni militari u l-invażjoni jikkostitwixxu ksur serju tad-dritt internazzjonali, u b'mod partikolari tal-Karta tan-NU, u jistieden lill-Federazzjoni Russa terġa' tibda tissodisfa r-responsabbiltajiet ta' membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fiż-żamma tal-paċi u s-sigurtà u tirrispetta l-impenji tagħha skont l-Att Finali ta' Helsinki, il-Karta ta' Pariġi għal Ewropa Ġdida u l-Memorandum ta' Budapest; iqis l-invażjoni Russa tal-Ukrajna bħala attakk mhux biss kontra pajjiż sovrani iżda anki kontra l-prinċipji u l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u sigurtà fl-Ewropa u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, kif definit mill-Karta tan-NU;
4. Jikkundanna bil-qawwa l-użu mill-militar Russu tat-territorju Belarussu, bl-appoġġ tal-forzi Belarussi, biex jibda aggressjoni militari kontra l-Ukrajna, u jesprimi tħassib serju dwar ir-riskji maħluqa mill-Belarussja li tabbanduna n-newtralità tagħha u tospita l-militar Russu;
5. Jesprimi s-solidarjetà sħiħa tiegħu mal-poplu tal-Ukrajna, li diġà soffra tmien snin ta' gwerra f'pajjiżu, u jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-azzjonijiet tar-Russja kontra l-Ukrajna;
6. Iħeġġeġ sforzi diplomatiċi kontinwi biex titwaqqaf l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u biex tinstab soluzzjoni paċifika bbażata fuq ir-rispett għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali, kif ukoll id-dritt tal-Ukrajna li tiddeċiedi dwar alleanzi futuri mingħajr indħil estern; iħeġġeġ lill-Federazzjoni Russa terġa' lura għat-triq tad-djalogu u d-diplomazija sabiex issalva lill-poplu fl-Ukrajna u lil hinn minnha, kif ukoll lill-poplu tagħha stess, mill-pjaga tal-gwerra;
7. Jiddenunzja r-rikonoxximent unilaterali mill-Federazzjoni Russa tal-indipendenza taż-żoni okkupati mir-Russja tar-reġjuni ta' Donetsk u Luhansk tal-Ukrajna u jħeġġeġ lill-pajjiżi kollha ma jingħaqdux magħha f'dan ir-rikonoxximent; itenni li l-UE ma tirrikonoxxix u tkompli tikkundanna l-annessjoni illegali tal-Krimea bħala ksur tad-dritt internazzjonali u tibqa' impenjata li timplimenta bis-sħiġ il-politika tagħha ta' nonrikonoxximent, inkluż permezz ta' miżuri restrittivi u ta' kooperazzjoni f'fora internazzjonali;
8. Jirrifjuta b'mod kategoriku r-retorika Russa li tagħmel referenza għall-possibbiltà ta' rikors għal armi ta' qerda massiva, fil-kuntest ta' struttura globali ta' nonproliferazzjoni, diżarm u kontroll tal-armi diġà ddeterjorata u mnawra; ifakkar lill-Federazzjoni Russa fl-obbligi internazzjonali tagħha u jwissi dwar il-perikli ta' eskalazzjoni nukleari tal-kunflitt; jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-Federazzjoni Russa qed tgħolli l-livell ta' alert tal-ħażna nukleari tagħha; ifakkar lill-Federazzjoni Russa li kwalunkwe provokazzjoni fil-fruntiera ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE jew attakki fuq bastimenti fil-baċir tal-Baħar l-Iswed jistgħu jwasslu għal eskalazzjoni ulterjuri tal-kunflitt;
9. Jesprimi n-niket inkonsolabbli tiegħu għat-telf traġiku ta' ħajjiet u għat-tbatija umana kkawżati mill-aggressjoni Russa u jišhaq li l-attakki kontra ċivili u infrastruttura ċivili kif ukoll l-attakki indiskriminati huma pprojbiti skont id-dritt umanitarju internazzjonali u għalhekk jikkostitwixxu delitti tal-gwerra;

10. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ssir enfasi speċjali fuq il-gruppi vulnerabbli, il-minoranzi, u n-nisa u t-tfal, peress li huma affettwati b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u jeħtieġu protezzjoni u appoġġ speċjali, b'mod partikolari t-tfal f'kura istituzzjonali, it-tfal mhux akkumpanjati, u t-tfal b'diżabbiltà u mard serju ieħor, inklużi l-kanċers fit-tfulija, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li jkomplu jingħataw il-kura u t-trattament vitali li jeħtieġu u jiġu evakwati immedjatament għal postijiet sikuri;
11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu aktar għajnuna umanitarja ta' emerġenza lill-Ukrajna f'kooperazzjoni mal-aġenziji umanitarji tan-NU u ma' organizzazzjonijiet sħab internazzjonali oħra; iħeġġeġ lill-Federazzjoni Russa tagħti aċċess sikur u mingħajr xkiel lill-aġenziji umanitarji tan-NU, inkluż fiż-żoni temporanjament mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Lvant tal-Ukrajna;
12. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni u tal-Presidenza Franċiża tal-Kunsill li jattivaw id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja² sabiex jipprovdu aċċess immedjat għall-protezzjoni għar-rifuġjati kollha mill-Ukrajna; iħeġġeġ lill-Istati Membri japprovaw din il-proposta fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fl-4 ta' Marzu 2022; iħeġġeġ lill-Kunsill jaqsam b'mod ugwali bejn l-Istati Membri r-responsabbiltà għall-akkoljenza tar-rifuġjati li jaslu fil-fruntieri esterni tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu ta' solidarjetà biex ir-rifuġjati mill-Ukrajna li waslu fil-Polonja, fl-Ungerija, fir-Rumanija u fis-Slovakkja jiġu rilokati fi Stati Membri oħra u jitlob li jitwaqqfu l-operazzjonijiet ta' ritorn lejn l-Ukrajna fl-UE kollha; jistieden lill-Istati Membri jtaqlu l-viżi ta' studenti Ukreni u detenturi oħra ta' viżi Ukreni;
13. Jilqa' l-approċċ attiv tal-Gvernijiet tal-Polonja, l-Ungerija, ir-Rumanija, il-Bulgarija, is-Slovakkja u l-Moldova biex iżommu l-fruntieri tagħhom miftuħa u jipprovdu mezzi ta' evakwazzjoni, kenn, għajnuna ta' emerġenza, għajnuna medika u ažił lill-persuni li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna u mir-riskju ta' persekuzzjoni, kemm jekk ċittadini Ukreni kif ukoll jekk mhux Ukreni;
14. Jilqa' l-adozzjoni rapida ta' sanzjonijiet mill-Kunsill bl-għan li jipperswadi lill-Federazzjoni Russa twaqqaf l-attakki tagħha kontra l-Ukrajna; jinsisti, madankollu, fid-dawl tal-aħħar attakki, inklużi dawk kontra żoni residenzjali u infrastruttura ċivili, fuq il-ħtieġa li jiġu adottati sanzjonijiet severi addizzjonali;
15. Jitlob li l-kamp ta' applikazzjoni tas-sanzjonijiet jitwessa' u li s-sanzjonijiet ikollhom l-għan li jdgħajfu b'mod strateġiku l-ekonomija u l-bażi industrijali Russa, b'mod partikolari l-kumpless militari-industrijali, u b'hekk il-kapaċità tal-Federazzjoni Russa li thedded is-sigurtà internazzjonali fil-futur, kif ukoll li s-sanzjonijiet jiġu estiżi għall-Belarużja minħabba l-appoġġ dirett tagħha għall-invażjoni Russa tal-Ukrajna;
16. Jitlob, b'mod partikolari, li tiġi ristretta l-importazzjoni tal-aktar prodotti importanti għall-esportazzjoni Russa, inklużi ż-żejt u l-gass, li jiġi pprojbit investiment ġdid tal-UE fil-Federazzjoni Russa kif ukoll investiment Russu ġdid fl-UE, li jiġu imblukkati l-banek Russi kollha mis-sistema finanzjarja Ewropea, li jiġu pprojbiti l-Federazzjoni

² Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn, ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12.

Russa u l-Belarussja mis-sistema SWIFT u li jiġu imposti sanzjonijiet sekondarji fuq il-banek li jużaw mezzi alternattivi għas-SWIFT għal tranżazzjonijiet relatati jew li jiġu imposti sanzjonijiet simili għal dawk kontra l-banek Russi jew is-sistema bankarja, u jitlob li jiġi pprojbit il-ġbir ta' fondi jew is-self fis-swieq Ewropej minn swieq kapitali sekondarji; jitlob li l-aċċess għall-akkwist pubbliku tal-UE jiġi pprojbit għax-xiri ta' prodotti u servizzi li joriġinaw mir-Russja u l-Belarussja; jitlob li tiġi pprojbita l-esportazzjoni ta' kwalunkwe prodott ta' teknoloġija avvanzata u merkanzija strateġika lejn is-suq Russu; jitlob li l-finanzjament għall-programmi kollha ta' kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni mar-Russja appoġġjati mill-fondi tal-UE jiġu imblukkati jew irtirati immedjatament u li l-programmi interreġjonali jiġu sospiżi; jitlob li l-portijiet tal-UE jingħalqu għall-bastimenti Russi; jitlob li l-Bank Internazzjonali tal-Investment ikkontrollat mir-Russja jiġi pprojbit immedjatament milli jopera fl-UE; jitlob li l-bastimenti li l-aħħar port jew dak li jmiss tagħhom ikun fil-Federazzjoni Russa ma jingħataw l-aċċess għall-ebda port tal-UE ħlief fil-każ ta' raġunijiet umanitarji ġustifikati meħtieġa; jilqa' l-projbizzjoni fuq titjiriet minn trasportaturi Russi kif ukoll titjiriet minn ajruplani privati Russi fl-ispazju tal-ajru tal-UE; jappella għall-adozzjoni u l-applikazzjoni xierqa ta' sanzjonijiet simili fuq il-Belarussja;

17. Jenfasizza l-ħtieġa li jinżamm approċċ koerenti fir-rigward tas-sanzjonijiet mingħajr ma ssir ebda eżenzjoni minħabba interessi settorjali jew nazzjonali; jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jirrikonoxxu u jaċċettaw li sanzjonijiet severi kontra l-Federazzjoni Russa inevitabbilmnt se jinvolvu effetti negattivi fuq is-sitwazzjoni ekonomika tagħhom u jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u tiffaċilita l-mezzi u l-modi biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tas-sanzjonijiet;
18. Jinsisti li s-sanzjonijiet futuri kollha jridu jkomplu jkunu kkoordinati mill-qrib mal-alleati transatlantiċi u ma' sħab internazzjonali tal-istess fehma sabiex tiġi massimizzata l-effettività tagħhom;
19. Itenni t-talbiet preċedenti tiegħu biex titnaqqas b'mod sinifikanti d-dipendenza enerġetika, b'mod partikolari fuq il-gass, iż-żejt u l-faħam Russi, billi, fost l-oħrajn, jiġu diversifikati s-sorsi tal-enerġija, inkluż l-espansjoni tat-terminals tal-gass naturali likwifikati u r-rotot tal-provvista, is-separazzjoni tal-ħżin tal-gass, u ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika u fir-rapidità tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa; jitlob li l-pipeline Nord Stream 2 jiġi abbandunat b'mod definittiv u għalhekk jilqa' d-deċiżjoni tal-Gvern Ġermaniż li jwaqqaf iċ-ċertifikazzjoni ta' Nord Stream 2; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u jużaw id-depożitarji kollha possibbli tal-gass sabiex jiżguraw provvista tal-gass mingħajr interruzzjoni għall-UE; jistieden lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Bank Ċentrali Ewropew jimmonitorjaw bir-reqqa l-impatt tal-attakk Russu fuq l-istabbiltà finanzjarja u l-istabbiltà tal-prezzijiet, speċjalment fir-rigward tal-prodotti tal-enerġija, u jikkunsidraw miżuri xierqa biex itaffu kwalunkwe impatt ekonomiku u soċjali negattiv; jistieden lill-Istati Membri jwaqqfu kwalunkwe kollaborazzjoni mar-Russja fil-qasam nukleari, b'mod partikolari l-kooperazzjoni ma' Rosatom u s-sussidjarji tagħha, inkluża l-kooperazzjoni mar-Russja fl-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika u t-terminazzjoni jew it-tneħħija tal-liċenzji operattivi għas-sussidjarji kollha ta' Rosatom;
20. Jitlob li r-reġim ta' sanzjonijiet globali eżistenti tal-UE jiġi kkomplementat bi strument iddedikat għall-għieda kontra l-korruzzjoni u għall-adozzjoni rapida ta' sanzjonijiet

immirati kontra individwi responsabbli għal korruzzjoni ta' livell għoli fir-Russja u l-Belarusja kif ukoll oligarki u uffiċjali qrib it-tmexxija; jistieden lill-Istati Membri u lill-pajjiżi alleati bi skemi ta' residenza b'investiment biex jirrevedu l-benefiċjarji kollha ta' tali status ta' residenza u biex jirrevokaw dawk mogħtija lil individwi Russi ta' valur nett għoli u l-familji tagħhom, b'mod partikolari dawk marbuta ma' individwi u kumpaniji sanzjonati; itenni l-istatina tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplimentaw u jinfurzaw b'mod konsistenti r-regoli eżistenti kontra l-ħasil tal-flus u joħlqu trasparenza akbar, speċjalment fir-rigward tal-fondi ddepożitati jew minfuqa fl-UE mill-elit Russu; itenni t-talba tiegħu biex jiġu ffriżati l-assi fl-UE tal-oligarki qrib it-tmexxija Russa u tal-familji tagħhom u biex jiġu kkanċellati l-viżi ta' Schengen tagħhom;

21. Itenni li n-NATO hija l-pedament ta' difiża kollettiva għall-Istati Membri li huma Alleati tan-NATO; jilqa' l-għaqda bejn l-UE, in-NATO u sħab demokratiċi oħra tal-istess fehma, huma u jindirizzaw l-aggressjoni Russa, iżda jissottolinja l-ħtieġa li jiżiedu l-qagħda ta' deterrenza kollettiva, it-tnejn u r-reżiljenza tagħhom; iħeġġeġ lin-NATO żżid il-preżenza avanzata msaħħa tagħha fl-Istati Membri tal-UE li huma ġeografikament l-eqreb tal-aggressur Russu u tal-kunflitt; jenfasizza l-klawżoli ta' assistenza reċiproka u solidarjetà tal-UE u jitlob li jibdew eżerċizzji militari komuni;
22. Jenfasizza li dan l-attakk jirrikjedi li l-UE u n-NATO jkunu ppreparati għall-possibiltajiet kollha; jilqa', f'dak ir-rigward, l-attivazzjoni tal-pjanijiet ta' difiża tan-NATO kif ukoll l-attivazzjoni tal-forzi ta' rispons tan-NATO u l-iskjerament parzjali tagħhom, flimkien mal-iskjeramenti ta' truppi mill-Alleati tan-NATO inklużi r-Renju Unit, l-Istati Uniti u l-Kanada, sabiex jissaħħa il-ġenb tal-Lvant u tiġi skoraġġuta kwalunkwe aggressjoni Russa ulterjuri; itenni t-talba tiegħu ħalli l-Istati Membri tal-UE jżidu l-infiq fuq id-difiża u jiżguraw kapaċitajiet aktar effettivi u jagħmlu użu sħiħ mill-isforzi ta' difiża konġunti fil-qafas Ewropew, b'mod partikolari l-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) u l-Fond Ewropew għad-Difiża, sabiex isaħħu l-pilastru Ewropew fi ħdan in-NATO, li jżid is-sigurtà kemm tan-NATO kif ukoll tal-Istati Membri tal-UE;
23. Jikkundanna bil-qawwa t-theddid magħmul mill-Federazzjoni Russa kontra l-Istati Membri li mhumiex Alleati tan-NATO u jistieden lil dawn tal-aħħar jiddeliberaw l-għażliet tagħhom biex iżidu s-sigurtà tagħhom; jappoġġja d-dritt sovrani tagħhom li jagħżlu l-politiki ta' sigurtà tagħhom; jilqa' l-koordinazzjoni mill-qrib bejn in-NATO u l-pajjiżi sħab tal-Finlandja u l-Iżvezja;
24. Jitlob li jiżiedu l-kontribuzzjonijiet għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' difiża tal-Ukrajna; jappoġġja bil-qawwa l-mobilizzazzjoni tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi u l-forniment ta' apparat militari mill-Istati Membri; jitlob li l-miżuri ta' assistenza tat-2 ta' Diċembru 2021 lill-Ukrajna fl-ambitu tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi, li jinkludu l-finanzjament ta' unitajiet mediċi militari, inklużi sptarijiet fuq il-post, unitajiet tal-ingenierija, tal-mobbiltà u tal-loġistika, kif ukoll appoġġ dwar iċ-ċibersigurtà, jiġu implimentati immedjatament u bis-sħiħ; jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jidentifika modi addizzjonali biex jappoġġja lill-Ukrajna permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi u l-istrumenti l-oħra kollha disponibbli;
25. Jistieden lill-Istati Membri jaċċelleraw il-forniment ta' armi difensivi lill-Ukrajna

b'rispons għall-ħtiġijiet identifikati b'mod ċar u f'konformità mal-Artikolu 51 tal-Karta tan-NU, li jippermetti awtodifiża individwali u kollettiva, iżid il-kooperazzjoni ta' intelligence mal-Ukrajna rigward l-aggressjoni li għaddejja u jikkondividi l-immaġnijiet satellitari permezz tas-SatCen u sistemi satellitari oħra;

26. Jirrikonoxxi d-deċiżjoni meħuda biex il-persunal tal-missjoni ċivili tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tal-UE (Missjoni ta' Konsulenza tal-UE) jiġi ttrasferit barra mill-Ukrajna bil-għan li tiġi garantita s-sikurezza personali u jitlob li tingħata attenzjoni speċjali lis-sikurezza tal-persunal lokali; jitlob li ssir valutazzjoni mill-ġdid urġenti tal-mandat tal-missjoni u li dan jiġi aġġornat b'komponent ta' taħriġ militari; jappoġġja t-tisħiħ tal-Missjoni tal-UE ta' Assistenza fil-Fruntiera bejn il-Moldova u l-Ukrajna (EUBAM) fil-fruntiera bejn l-Ukrajna u r-Repubblika tal-Moldova/Transnistrija;
27. Jinsisti fuq il-ħtieġa li l-UE, in-NATO u sħab internazzjonali tal-istess fehma joffru aktar assistenza fiċ-ċibersigurtà lill-Ukrajna; jilqa' l-użu inizjali tal-esperti tat-Tim ta' Rispons Rapidu Ċibernetiku (CRRT) iffinanzjat mill-PESCO u jitlob li jsir użu sħiħ mir-reġim ta' sanzjonijiet ċibernetiċi tal-UE kontra individwi, entitajiet u korpi responsabbli jew involuti fid-diversi attacchi ċibernetiċi mmirati lejn l-Ukrajna; jitlob li jsir rieżami urġenti tal-applikazzjoni tal-Ukrajna liċ-Ċentru ta' Eċċellenza għaċ-Ċiberdifiża Kooperattiva (CCDCOE) u li l-membri kollha tas-CCDCOE jappoġġjaw l-applikazzjoni;
28. Jikkundanna l-użu ta' gwerra tal-informazzjoni mill-awtoritajiet Russi, il-midja tal-istat u l-proxies biex joħolqu diviżjoni b'kontenut dispreġjattiv u narrattivi foloz dwar l-UE, in-NATO u l-Ukrajna, bil-għan li jkunu jistgħu jiċħdu b'mod plawżibbli l-atroċitajiet Russi; jistieden għalhekk lill-Istati Membri kollha jissospendu minnufih il-liċenzji tax-xandir għall-istazzjonijiet tal-midja kollha tal-Istat Russu, inkluż ix-xandir mill-ġdid tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jsaħħu l-informazzjoni alternattiva online bil-lingwa Russa dwar l-iżviluppi li qed jiżviluppaw fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, jiżguraw li d-dikjarazzjonijiet pubbliċi tal-UE jiġu tradotti bir-Russu u jindirizzaw ukoll l-udjenzi u l-pjattaformi li jikkellmu bir-Russu; jilqa' t-tħabbira tal-President tal-Kummissjoni li x-xandir ta' Russia Today u Sputnik se jiġi pprojbit fl-UE, u jtenni s-sejħiet lil Google u YouTube biex jipprojbixxu kontijiet ta' propaganda tal-gwerra;
29. Jitlob li l-UE u l-Istati Membri jtemmu l-liċenzji tas-software għal apparat militari u ċivili fir-Russja u fil-Belarusja, speċjalment dawk użati għall-komunikazzjoni u n-navigazzjoni bis-satellita;
30. Jindika li l-UE għandha bżonn issaħħaħ b'mod kontinwu r-reżiljenza tagħha stess għall-attakki ibridi;
31. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jipprovdu l-aktar appoġġ ekonomiku u finanzjarju b'saħħtu possibbli lill-Ukrajna, kif ukoll assistenza makrofinanzjarja u teknika kull fejn tkun meħtieġa, inkluż f'oqsma relatati mad-difiża u s-sigurtà, jattivaw kwalunkwe strument baġitarju tal-UE disponibbli u jiżviluppaw strateġija fit-tul biex jappoġġjaw l-isforzi tal-Ukrajna fit-tisħiħ tar-reżiljenza tal-istituzzjonijiet demokratiċi u tal-ekonomija tagħha;
32. Jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jħejju pjan ta' assistenza u rkupru ta' diversi

biljuni ta' euro għall-Ukrajna biex jappoġġjaw l-ekonomija tal-Ukrajna u r-rikostruzzjoni tal-infrastruttura meqruda tagħha; jenfasizza li l-Federazzjoni Russa hija responsabbli għall-qerda tal-infrastruttura Ukrena, inkluż il-bini ċivili u residenzjali, kif ukoll għat-telf ekonomiku sinifikanti, u se tkun meħtieġa tikkumpensa l-ħsara kkawżata mill-azzjonijiet aggressivi tagħha;

33. Itenni l-appoġġ sod tiegħu għas-sovranià u l-integrità territorjali tal-pajjiżi kollha tas-Sħubija tal-Lvant u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjawhom, b'mod partikolari l-Moldova, biex joffru kenn temporanju lir-rifuġjati mill-Ukrajna u jtejbu r-reżiljenza tagħhom kontra attakki Russi possibbli fl-oqsma tad-difiża, iċ-ċibersigurtà u l-komunikazzjoni strateġika;
34. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jaħdmu biex jagħtu l-istatus ta' kandidat tal-UE lill-Ukrajna, f'konformità mal-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u abbażi tal-mertu, u, sadanittant, ikompli jaħdmu lejn l-integrazzjoni tagħha fis-suq uniku tal-UE skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;
35. Jinnota bi tħassib serju l-isforzi persistenti mill-Federazzjoni Russa biex tiddestabilizza l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u tinterferixxi fil-proċessi demokratiċi tagħhom; jikkundanna lil dawk li esprimew appoġġ lill-Federazzjoni Russa wara l-aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u jfaħħar l-appoġġ muri minn dawk il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li huma alleati Ewro-Atlantiċi; jiddispaċiħ ħafna għan-nuqqas ta' allinjament tas-Serbja mas-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja, li jagħmel ħsara lill-proċess ta' adeżjoni tagħha mal-UE, u jtenni l-aspettattiva tiegħu li l-kandidati għall-adeżjoni mal-UE jallinjaw mhux biss mal-acquis tal-UE iżda wkoll mal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE;
36. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ewropa li jissospendi lill-Federazzjoni Russa mid-drittijiet tagħha ta' rappreżentanza u d-deċiżjoni tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) li ttejjm il-proċess ta' adeżjoni tar-Russja;
37. Jesprimi apprezzament u appoġġ fil-konfront taċ-ċittadini Russi u Belarussi li, f'dawn l-aħħar jiem u b'riskju għas-sikurezza tagħhom stess, ħarġu fit-toroq biex jikkundannaw il-gwerra mnedija f'isem il-Federazzjoni Russa u bl-appoġġ tad-dittatur illeġittimu tal-Belarussja, jikkundanna l-arrest ta' eluf ta' dimostranti paċifiċi u jappella għall-ħelsien immedjat tagħhom;
38. Jistieden lil organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, b'mod partikolari fil-qasam tal-kultura u l-isport, jikkunsidraw ukoll li jissospendu l-parteċipazzjoni Russa; jilqa' f'dan ir-rigward id-deċiżjoni tal-Unjoni Ewropea tax-Xandir li timblokka l-parteċipazzjoni tar-Russja fil-festival tal-kanzunetti tal-Eurovision u d-deċiżjoni tal-UEFA li tneħħi lir-Russja mill-Finali taċ-Champions League, kif ukoll id-deċiżjonijiet ta' bosta timijiet nazzjonali li ma jilagħbux kontra r-Russja f'loġħob tat-Tazza tad-Dinja u loġħob ieħor; jistieden lil federazzjonijiet sportivi oħra biex jissospendu l-parteċipazzjoni tar-Russja fl-avvenimenti tagħhom, u jilqa' d-deċiżjoni tal-FIFA li tissospendi l-parteċipazzjoni tar-Russja fit-Tazza tad-Dinja;
39. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jnaqqsu l-għadd ta' rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari Russi fl-UE u fl-Istati Membri, b'mod partikolari u immedjatament fejn l-

azzjonijiet tagħhom jinvolvu lill-militar;

40. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ u protezzjoni lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lis-soċjetà ċivili fir-Russja u fil-Belarussja, li se jiffaċċjaw repressjoni severa, inkluż billi joħorġu viżi ta' emerġenza biex jitolqu mir-Russja u l-Belarussja jekk ikun meħtieġ;
41. Jissottolinja li l-UE u l-Istati Membri tagħha se jiżguraw li l-awturi ta' delitti tal-gwerra u ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk li assistew tali delitti permezz ta' propaganda, jinżammu responsabbli; jistieden għalhekk lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jaħdmu ma' korpi internazzjonali biex jiġbru l-evidenza u jappoġġjaw u jippromwovu l-ġurisdizzjoni u l-investigazzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali ta' kwalunkwe reat tal-gwerra mwettaq fit-territorju tal-Ukrajna mill-20 ta' Frar 2014 'il quddiem sabiex jitressqu quddiem il-ġustizzja Vladimir Putin u Aliaksandr Lukashenka;
42. Jilqa' s-sessjoni speċjali tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti biex tenfasizza l-kundanna qawwija tal-komunità internazzjonali tal-azzjonijiet imwettqa f'isem il-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-adozzjoni proposta ta' riżoluzzjoni li titlob sanzjonijiet kontra l-Federazzjoni Russa bħala Stat aggressur; jiddeplora l-veto Russu fuq ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU maħsuba biex ittemm l-offensiva militari tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna;
43. Jitlob li tinbeda investigazzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU skont il-Kapitolu VI tal-Karta tan-NU (l-Artikoli 34-35); jistieden liċ-Ċina, bħala membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, biex tirrispetta bis-sħiħ is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, u biex tuża l-influwenza tagħha fuq ir-Russja biex ittemm l-aggressjoni attwali, li thedded l-istabbiltà internazzjonali;
44. Jinnota bi tħassib serju l-okkupazzjoni u l-kontroll tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari Chornobyl ChNPP mill-forzi militari Russi; jitlob lill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika biex toħloq task force speċjali għall-monitoraġġ tal-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa fir-rigward tas-sikurezza tas-siti, il-faċilitajiet u l-fjuwils nukleari;
45. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jivvalutaw l-impatt ambjentali tal-gwerra fuq ir-reġjun;
46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarjiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lin-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Ukrajna, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa u lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Belarussja.